MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 2329/1998/1

**George Abela**

**v.**

**Direttur tal-Ufficcju Kongunt u Carmelo Bartolo**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Novembru, 1998, l-attur ippremetta illi huwa s-sid ta' porzjon raba f'Tal-Herba, kontrada Tal-Brolli, limiti ta' Birzebbugia tal-kejl ta' tlett tumoli, hames sighan u tlett

kejliet liema porzjon raba hija mmarkata bil-lewn ahmar fil-pjanta annessa u mmarkta Dok. A;
Illi hu kien jiddetjeni wkoll b'titolu ta' lokazzjoni ossija qbiela minghand il-Kurja Arciveskovili porzjon raba ohra ta' kejl ta' hames tumoli u nofs li hija kontigwa ghall-porzjon raba msemmija fil-paragrafu precedenti, liema porzjon raba li ggib in-numru 9810-0790-0001 giet immarkata bil-lewn isfar fil-pjanta annessa u mmarkata bhala dokument A;

Illi, permezz ta' skrittura datata 22 ta' Gunju 1990 (annessa u mmarkata bhala dokument 'B') Salvatore Muscat bhala Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni Ekklezjastici f'Malta u okkorrendo f'isem u fl-interess tal-Monasteru ta' Santa Skolastika, accettanti r-rinunzja tal-attur, kera l-porzjon raba msemmija fil-paragrafu precedenti (ta' kejl ta' hames tumoli u nofs li ggib in-numru 9810-0790-0001) u li l-attur kien jiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni ossija qbiela lill-konvenut Carmelo Bartolo ghal zmien sena bil-kera ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10) fis-sena u bil-qbiela tithallas fil-hmistax (15) ta' Awwissu ta' kull sena;

Illi sussegwentement giet mikrija wkoll lill-konvenut Carmelo Bartolo mhux biss dik il-porzjon raba illi l-attur kien jiddetjeni b'titolu ta' lokazzjoni ossija qbiela minghand il-Kurja Arciveskovili izda anke dik il-porzjon raba kontigwa illi taghha l-attur huwa s-sid;

Illi permezz tal-ftehim maghmul bejn is-Santa Sede u Malta u iffirmat fit-28 ta' Novembru, 1991 li jinsab anness bhala Skeda mal-Att Numru IV tal-1992 – Att dwar Proprjeta` ta' Entijiet Ekklezjasti - certa proprjeta` tal-Knisja Kattolika f'Malta, inkluz il-porzjon raba in kwistjoni, giet trasferita lill-Istat Malti u ai termini tal-Artikolu (4) tal-istess att legislattiv twaqqaf il-konvenut Ufficcju Kongunt biex jamministra din il-proprjeta`;

Illi l-konvenut Carmelo Bartolo ghadu sal-lum jiddetjeni dik il-porzjon raba msemmija fl-ewwel paragrafu ta' din ic-citazzjoni u li taghha l-attur huwa s-sid u ghadu jhallas sal-lum qbiela lill-konvenut Ufficcju Kongunt;

Illi permezz ta’ ittra bonarja datata t-28 ta’ Settembru, 1998 (vide Dok. ‘C’) dan kollu gie spjegat dettaljatament lill-konvenut Ufficcju Kongunt izda l-attur baqa’ minghajr ebda risposta kif baqghet ma nghatat ebda twegiba ghall-ittra legali tat-12 ta’ Ottubru, 1998 (vide document ‘D’);

Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata l-20 ta’ Ottubru, 1998 l-attur interpella lill-konvenut Carmelo Bartolo sabiex jirrilaxxja l-pussess vakanti ta’ dik il-porzjon raba f’Tal-Hereb kuntrada Tal-Brolli, f’Birzebbugia, li taghha l-attur huwa s-sid u interpella wkoll lill-konvenut Carmelo Bartolo u lill-konvenut Ufficcju Kongunt biex jaddivjenu ghar-rexissjoni tal-lokazzjoni tar-raba mikri u li tieghu l-attur huwa s-sid, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Dan premess l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti: -

(1) tiddikjara illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-porzjon raba f’Ta’ Hereb fil-kuntrada Tal-Brolli, fil-limiti ta’ Birzebbugia li tinsab delineata bil-lewn ahmar fil-pjanta hawn annessa u mmarkata Dok. ‘A’;

(2) prevja dikjarazzjoni illi l-ante kawza tal-konvenut Ufficcju Kongunt kera illegalment u abbuzivament il-porzjon raba *de quo* lill-konvenut Carmelo Bartolo, tiddikjara null u bla ebda effett il-ftehim ta’ lokazzjoni illi permezz tieghu din il-porzjon raba giet mikrija lill-konvenut Carmelo Bartolo mill-ante kawza tal-konvenut Ufficcju Kongunt; u

(3) konsegwentement, prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut Carmelo Bartolo qieghed jokkupa l-porzjon raba *de quo* minghajr ebda titolu validu fil-ligi, tordna lill-istess konvenut Carmelo Bartolo sabiex jizgombra mill-istess porzjon raba *de quo* u jirrilaxxja l-pussess vakanti tal-istess porzjon raba *de quo* a favur tal-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din l-istess Qorti;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittri legali tat-28 ta' Settembru, 1998 u tat-12 ta' Ottubru, 1998 u tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Ottubru, 1998 kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni u b'riserva espressa ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur inkluz l-azzjoni ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni ghall-okkupazzjoni bla titolu;
B'nota pprezentata fit-22 ta' April, 1999 il-konvenut Carmelo Bartolo eccepixxa:-

1. Illi huwa jiddetjeni r-raba mertu tal-kawza, b'titolu validu ta' qbiela fil-konfront ta' kulhadd inkluz l-attur, minghand id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt;

2. Illi, bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, anki li kieku George Abela huwa sid l-art in kwistjoni l-konvenut ghandu kontrih titolu validu ta' qbiela;

3. Illi l-kuntratt ta' lokazzjoni tar-raba msemmija mill-attur huwa validu u legali fil-konfront tal-attur peress illi dan sar skont il-ligi u r-ricerki li kienu saru fil-kwistjoni *de quo*;

Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut Carmelo Bartolo jkompli jispjega li huwa kien kera r-raba *de quo* minghand il-kurja cioe` l-awturi tal-Ufficju konvenut u li dan l-istess raba kien qabel mikri lill-attur, li ceda l-istess krija. Ikkonferrma li hemm provi dokumentarji in sostenn tat-titolu tal-Ufficcju konvenut. Il-konvenut ikkonferma wkoll li l-art in kwistjoni giet koncessa lilu permezz ta' skrittura privata tal-15 ta' Awwissu 1990;

B'nota pprezentata fis-26 ta' April, 1999 l-iehor l-Ufficcju Kongunt eccepixxa:

1. Illi in forza tal-Att IV tal-1992 l-Ufficcju konvenut ghandu l-obbligu illi jonora kull ftehim li sar bejn il-Kurja Arciveskovili u terzi persuni qabel l-implimentazzjoni tal-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u s-Santa Sede u ghalhekk huwa jamministra l-proprjeta` abbazi tal-informazzjoni ipprovduta mill-Kurja;

2. Illi minn informazzjoni fornita lill-Ufficcju Kongunt il-porzjon tar-raba mertu tal-kawza odjerna hija mnizzla (bi qbiela) f'isem Carmelo Bartolo;

3. Illi l-eccipjenti ma ghandux ibati spejjez stante illi l-ftehim ta' kiri tal-porzjon raba fuq riferit mal-konvenut l-iehor Carmelo Bartolo gie maghmul meta l-istess proprjeta` kienet ghadha fil-pussess tal-Knisja;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fl-10 ta' Ottubru, 2008 bil-mod segwenti:-

"Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikjara illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-porzjon raba' f'Tal-Hereb fil-kuntrada Tal-Brolli, fil-limiti ta' Birzebbugia li tinsab delineata bil-lewn ahmar fil-pjanta annessa mac-citazzjoni u markata dokument 'A'; billi fit-tieni lok tiddikjara li l-ante kawza tal-konvenuti Ufficcju Kongunt kera illegalment u abbuzivament il-porzjon raba' 'de quo' lill-konvenut Carmelo Bartolo u b'hekk tiddikjara null u bla ebda effett il-ftehim ta' lokazzjoni li permezz tieghu din il-porzjon raba' giet mikrija lill-konvenut Carmelo Bartolo mill-ante kawza tal-konvenuti Ufficcju Kongunt; fit-tielet lok billi tiddikjara li l-konvenut Carmelo Bartolo qed jokkupa l-porzjon raba' 'de quo' b'titolu validu fil-ligi u billi fir-raba lok tiddikjara li mhux kompetenti li tordna li l-konvenut Bartolo jizgomba mill-porzjon raba' 'de quo'u kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni parti tat-tielet talba;

"In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jithallsu bin nofs bejn l-attur u l-konvenuti Ufficju Kongunt bl-eccezzjoni tal-ispejjez ghar-rigward tat-tielet talba li ghandhom jithallsu kollha mill-attur. B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur skond il-ligi."

U dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat:

“Fic-citazzjoni l-attur jallega li hu s-sid ta’ porzjon raba’ f’Tal-Herba, [*recte: Tal-Hereb]* kontrada Tal-Brolli, limiti ta’ Birzebbugia tal-kejl ta’ tlett tumoli, hames sighan u tlett kejliet (3T 5S 3K). L-attur jaccenna ukoll ghal fatt li kien jiddetjeni b’titolu ta’ qbiela jew lokazzjoni minghand il-Kurja porzjon raba’ tal-kejl ta’ hames tumoli u nofs (5.5T) li hi kontigwa ghall-imsemmija porzjon raba’ allegatament proprjeta’ tal-attur. L-attur ikompli jippremetti li bi skrittura tat-22 ta’ Gunju 1990 huwa rrinunzia ghall-imsemmija qbiela u bl-istess skrittura l-Kurja, okkorrendo f’isem u fl-interess tal-Monasteru ta’ Santa Skolastika, tat b’lokazzjoni l-istess porzjonn art lill-konvenut Carmelo Bartolo. Sussegwentement il-Kurja kriet lill-istess konvenut Carmelo Bartolo ukoll il-porzjon raba’ kontigwa li allegatament hi proprjeta’ tal-attur. Hu fatt magharuf li fil-1991 certa proprjeta’ tal-Knisja, inkluz il-porzjon raba’ li l-attur jghid li hu s-sid taghha, ghaddiet ghand il-Gvern Malti u bdiet tigi amministrata, ghan-nom tal-Gvern Malti, mil-konvenuti Ufficju Kongunt. L-attur ikompli jippremetti li l-konvenut Bartolo ghadu qed jiddetjeni l-porzjon raba’ in kwestjoni u ghadu qed ihallas qbiela lill-Ufficju Kongunt;

“Fuq dawn il-premessi l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li huwa l-proprjetarju tal-porzjon raba’ in kwestjoni u qed jitlob li jigi dikjarat li l-istess porzjon art giet mghotija lill-konvenut Bartolo b’lokazzjoni illegalment u abbuzivament. Konsegwentement qed jitlob li jigi dikjarat null u bla ebda effett il-ftehim ta’ lokazzjoni bejn il-Kurja u l-konvenut Carmelo Bartolo. Finalment l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-konvenut Bartolo qed jokkupa l-porzjon raba’ ‘de quo’ minghajr ebda titolu validu fil-ligi, u konsegwentement jigi ordnat lill-istess konvenut  Bartolo sabiex jizgombra mill-istess porzjon raba’;

“Il-konvenut Bartolo qed jeccepixxi li huwa jiddetjeni r-raba in kwestjoni b’titolu validu ta’ qbiela anke fil-konfront tal-attur u li anke kieku l-attur huwa sid l-art in kwistjoni huwa ghandu fil-konfront tal-istess attur titolu validu ta’ qbiela. Il-konvenut Bartolo jispjega li huwa kera r-raba de quo minn

ghand il-kurja u dan l-istess raba kien gia' mikri lill-attur, li ceda l-istess krija;
“Il-konvenuti l-ohra Ufficju Kongunt qed jeccepixxu li skond il-ligi huma ghandhom l-obbligu li jonoraw kull ftehim li kien sar precedentement bejn il-Kurja u terzi u li minn informazzjoni fornita lillhom il-porzjon tar-raba' in kwestjoni giet mghotija bi qbiela mill-Kurja lill-konvenut Bartolo;

“Primarjament trid tigi deciza l-kwestjoni lill minn fil-fatt tappatjeni l-imsemmija porzjoni art f'Tal-Hereb, kontrada tal-Brolli, limiti ta' Birzebbugia tal-kejl ta' il-fuq minn tlett itmiem (3T). Jirrizulta li din l-art hi registrata fil-kotba tal-Kurja bhala appartenenti lill Monasteru ta' Santa Skolastika u li kienet amministrata mill-istess Kurja. L-art sussegwentement ghaddiet bhala proprjeta lill-Gvern ta' Malta. Ghalhekk l-attur jippretendi li hu l-proprjetarju ta' din il-porzjoni raba, filwaqt li l-konvenuti Ufficcju Kongunt jippretendu li din il-proprjeta' kienet tal-imsemmi Monasteru u issa ghaddiet ghand il-Gvern ta' Malta u qed tigi amministrata mill-istess konvenuti Ufficcju Kongunt;

“Hu l-attur li qed jallega li l-imsemmija porzjon hi tieghu bhala sid u ghalhekk sta ghalih li jipprova dan b'mod sufficjenti. L-attur ma pproduciex l-ebda dokument li jindika li hu s-sid tar-raba in kwestjoni. Fin-nota ta' ossevazzjonijiet tieghu, pero', l-attur jissottometti li r-raba in kwestjoni hu proprjeta' tieghu in virtu' tal-preskrizzjoni akkwisittiva. In generali tali preskrizzjoni hi dik trentennali. L-artikolu 2144 tal-Kodici Civili, pero', jipprovdi li, fil-konfront tal-Knisja, l-perjodu preskrittiv sabiex jista jinghad li art tal-Knisja giet akkwisita minn terzi bil-preskrizzjoni, huwa ta' erbghin (40) sena. Ghalhekk fil-kaz in esami l-pussess li trid il-ligi ghall-finijiet tal-preskrizzjoni akkwisittiva ghandu ikun mill-inqas ta' erbghin (40) sena;

“L-attur xehed li nannuh matern, certu Toni Grech, kien ighid li l-art in kwestjoni kienet tieghu u tal-familja tieghu. L-attur u l-imsemmi nannuh kienu ilhom jahdmu u jippossjedi din ir-raba' ghal zmien twil zgur aktar minn erbghin (40) sena qabel l-1991, meta il-Kurja tat bi qbiela l-porzjon raba in kwestjoni lill-konvenut Bartolo. Skond l-

attur kien ihallas lill-Kurja qbiela ta’ Lm7 pero biss ghar-rigward tal-porzjoni raba kontigwa ghar-raba in kwestjoni. L-attur ikkonferma ukoll li huwa qatt ma hallas qbiela ghar-rigward tal-ghalqa in kwestjoni. Huwa dejjem hadem din ghalqa u dejjem ikkonsidraha bhala proprjeta tieghi;

“Jirrizulta li l-attur fl-istess jum li rrinunzja ghal qbiela tal-porzjon raba kontigwa ghar-raba in kwestjoni, l-Kurja tat l-istess porzjon raba bi qbiela lill-konvenut Bartolo. Dejjem fl-istess jum l-attur ta’ ukoll b’lokazzjoni lill-istess Bartolo l-porzjon raba in kwestjoni u dan bi qbiela ta’ Lm5 fis-sena. Bartolo hallas biss ghal sentejn u l-attur rrilaxxa r-ricevuti relattivi. Wara dawn is-sentejn Bartolo beda jhallas qbiela lill-Kurja fil-konfront tar-raba li l-attur jippretendi li hi tieghu;

“Hu minnu li mill-Cabreo relattiv u mir-“records” tal-Kurja r-raba kollu in kwestjoni, tal-kejl komplessiv ta’ il-fuq minn 8T, kienet proprjeta tal-Monasteru tas-Sorijiet ta Santa Skolastika. Il-Kurja ssostni li s-Lm7 qbiela li kien ihallas l-attur kien ghar-rigward tal-ghalqa kollha, cioe' ghar-rigward taz-zewg porzjonijiet tal-ghalqa. Il-Kurja, pero’, ma setghatx tispiega ghaliex l-attur kien ihallas qbiela wahda u sussegwentement il-konvenut Bartolo beda ihallas separatament qbiela ghar-rigward taz-zewg porzjonijiet tal-istess raba. Lanqas ma seta jigi konfermat kif it-tieni porzjoni spiccat ghand Bartolo bi qbiela;

“Dak li qal il-konvenut Bartolo mhux kredibbli u l-istess konvenut jikkontradici lilu nnifsu, b’mod partikolari meta huwa jghid li l-attur kien effettivament semma li l-porzjon raba in kwestjoni kienet tieghu, pero’ fl-istess hin ukoll jghid li l-attur stess qallu biex ma jkomplix ihallas lilu u li kellu jkompli jhallas lill-Kurja. Din l-ahhar dikjarazzjoni zgur li mhux kredibbli;

“Inoltre mir-“records” tal-Ghammieri jirrizulta li l-ghalqa kollha, cioe’ inkluzi z-zewg porzjonijiet, kienet ilha fil-pussess tal-attur u tal-familja tieghu mill-inqas sa mill-1947. L-ewwel att ta’ sid li jirrizulta li sar mill-Kurja fil-konfront tal-porzjon raba in  kwestjoni, jirrizulta li sehh fil-1991 meta jidher li l-kurja tat bi qbiela l-istess raba in kwestjoni lill konvenut Bartolo. Dan kien meta kienu lehqu

ghaddew izjed minn l-erbghin (40) sena stautorji rikjesti mill-ligi;

“Difatti jirrizulta li l-Ghammieri l-art kollha kienet registrata f’isem in-nannu tal-attur u sussegwentement gie registrata fuq l-attur. Hu minnu li fl-Ghammieri jigi registrat biss il-bidwi u mhux is-sid, pero’ jirrizulta meta r-raba kollu gie registrat fuq isem il-konvenut Bartolo giet ukoll prodotta nota tas-sidien, cioe’ tal-Kurja, fis-sens li ma kienx hemm oggezzjoni li parti biss mill-ghalqa in kwestjoni (u mhux l-ghalqa kollha), cioe’ 5.5T, tigi registrata fuq isem il-konvenut Bartolo;

“Fid-dawl ta’ dan kollu ma jistax jigi eskluz li l-art in kwestjoni kienet effettivament tappartjeni lill-imsemmi Monasteru tas-Sorijiet. Jidher, pero’, li l-qbiela ta’ Lm7 fis--sena li kien ihallas l-attur lill-Kurja kienet biss ghar-rigward tal-bicca art kontigwa ghal-art in kwestjoni. Ma jirrizultax li qatt l-imsemmi Monasteru jew il-Kurja rcevew qiela ghar-rigward tar-raba in kwestjoni, jew li qatt ghamlu xi att bhala sidien tal-istess art;

“Kif gia gie rilevat l-attur qed jippretendi li, fi kwalunkwe kaz, huwa sar sid tal-porzjon art in kwestjoni bis-sahha tal-preskrizzjoni akkwizittiva. L-artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li in effett il-preskrizzjoni hi mod ta’ akkwist ta’ jedd u dana tramite l-pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghaz-zmien li trid il-ligi. Skond il-provedimenti tal-artikolu 524(1) tal-Kodici Civili hu necessarju li l-pussess jew t-tgawdija tal-haga tista twassal sabiex tkun tista’ tinkiseb il-proprjeta’ tal-istess haga. Tali pussess irid ikun “uti dominus” cioe’ qisu l-haga kienet proprjeta tal-pussessur. F’dan ir-rigward jirrizulta li l-attur kien ghadda bi qbiela r-raba in kwestjoni lill-konvenut Bartolo u cioe’ ghamel att li hu essenzjalment att li jappartjieni lis-sid. L-artikolu 2118 tal-Kodici Civili mhux applikabbli ghal dan il-kaz in esami peress li jirrizulta sufficjentement pruvat li l-attur kif ukoll il-predecessuri tieghu qatt ma hallsu qbiela ghar-rigward tal-porzjon raba in kwestjoni u jirrizulta ukoll li dejjem zammew din l-istess porzjon raba’ in kwestjoni bhala taghhom;

“In effett il-preskrizzjoni akkwizittiva tippresumi pussess legittimu u cioe’ l-pussess materjali u l-pussess intenzjonali u cioe li l-pussessur jgawdi d-dritt fuq il-haga bhala l-proprjetarju taghha. Inoltre l-pussess irid ikun legittimu, u cioe’ li jista jwassal ghall-effett guridiku ghar-rigward tal-akkwist tal-proprjeta’ bid-dekors taz-zmien. Ghandhom jigu pruvati diversi elementi ghar-rigward tal-pussess u kwindi hu necessarju li l-pussess ikun (i) kontinwu; (ii) mhux miksur; (iii) pacifiku; (iv) pubbliku; u (v) mhux ekwivoku u dana skond il-provedimenti tal-artikolu 2107(1) tal-Kodici Civili;

“Fil-kaz in esami jirrizultaw kemm l-element materjali, u cioe’ l-poter fattwali fuq il-haga nnifisha, kif ukoll l-element intenzjonali, u cioe’ l-hsieb tal-attur u tal-predecessuri tieghu li jzommu din il-porzjon raba’ bhala taghhom u mhux li  jippossjeduha b’mera tolleranza tas-sid;

“Difatti jirrizulta li ll-pussess kien kontinwu. L-attur u l-predecessur tieghu kienu jesercitaw l-atti normali tat-tgawdija tar-raba, li jispettaw lis-sid u dana sabiex jisfruttaw bl-ahjar mod l-istess bicca raba. L-attur u l-predecessuri tieghu dejjem hadmu fl-apert l-porzjon raba’ in kwestjoni. Sussegwentement l-attur kera lill-konvenut Bartolo l-istess raba. Il-pussess jirrizulta mhux miksur u cioe’ qatt ma gie interrott b’xi att ta’ minn kien jippretendi li hu s-sid. Il-pussess jirrizulta li kien ukoll pacifiku u cioe t-tgawdija tar-raba minn naha tal-attur u l-predecessuri tieghu ma kienet qatt giet turbata jew ostakolata. Il-pussess kien ukoll wiehed pubbliku u cioe’ kien jigi esercitat fl-apert u kienu jsiru atti ta’ sidien li kullhadd seta jara u jinduna bihom. Il-pussess in kwestjoni ma jistax jigi definit bhala “ekwivoku.” Il-presunti sidien qatt ma ghamlu xejn u qatt ma ghamlu xi att ta’ dominju fuq din il-porzjon raba’;

“Ghahekk jirrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi ghar-rigward tal-preskrizzjoni akkwisittiva u kwindi il-porzjon raba in kwestjoni ghandha titqies li hi proprjeta’ tal-attur. Konsegwentement l-ewwel u t-tieni talba tal-attur jimmertaw li jigu akkolti;

"Kwantu ghat-tielet talba jirrizulta li l-konvenut Bartolo jgawdi titolu validu ta' lokazzjoni fir-rigward tar-raba in kwestjoni u dana direttament fil-konfront tal-attur. L-attur stess jammetti li huwa kien kera lill-konvenut Bartolo il-porzjon raba in kwestjoni u inoltre hemm ricevuti rilaxxati mill-istess attur a favur tal-istess konvenut Bartolo dejjem ghar-rigward tal-porzjon raba in kwestjoni. Ghalhekk jigi ribadit li jirrizulta li l-konvenut Bartolo ghandu titolu validu ta' qbiela fil-konfront tal-attur. Din il-Qorti, pero', mhux kompetenti li tiddeciedi dwar l-izgumbrament tal-konvenut mir-raba in kwestjoni. Hu minnu li l-konvenut Bartolo jammetti li ma komplix ihallas il-qbiela lill-attur. Din il-materja pero' trid tigi trattata u deciza mill-Bord kompetenti. Jidher, in effett, li l-konvenut ma giex interpellat biex ihallas il-qbiela kif trid il-ligi specjali li, appuntu, tirregola din il-materja. Din il-Qorti ghalhekk mhux kompetenti li tiddeciedi dwar l-izgumbrament tal-konvenut Bartolo mill-porzjon raba in kwestjoni;"

**L-appell tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt.**

Id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikorsipprezentat fit-30 ta' Ottubru, 2008 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat li l-konvenut Bartolo qed jokkupa l-porzjon raba' *de quo* b'titolu validu fil-ligi u ddikjarat li mhiex kompetenti li tordna li l-konvenut Bartolo jizgombra mill-porzjon raba *de quo* biex b'hekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba attrici; thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjarat li l-attur huwa l-proprjetarju tal-porzjon raba f'Tal-Hereb fil-kuntrada Tal-Brolli, fil-limiti ta' Birzebbugia li tinsab delineata bil-lewn ahmar fil-pjanta annessa mac-citazzjoni u markata Dokument 'A', kif ukoll fejn iddikjarat li l-ante kawza tal-konvenut Ufficcju Kongunt kera illegalment u abbuzivament il-porzjon raba *de quo* lill-konvenut Carmelo Bartolo biex b'hekk iddikjarat null u bla effett il-ftehim ta' lokazzjoni li permezz tieghu din il-porzjon

raba giet mikrija lill-konvenut Carmelo Bartolo mill-ante kawza tal-konvenut Ufficcju Kongunt u minflok tilqa' dan l-appell u tichad it-talbiet kollha tal-attur appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**L-aggravji tad-Direttur appellant.**

Minn ezami tar-rikors tal-appell jidher li l-appellant Direttur tal-Ufficcju Kongunt hassu aggravat billi jghid li ghalkemm il-premessi tac-citazzjoni jindikaw li l-azzjoni intentata kienet wahda *rei vindicatoria* li tehtieg il-prova tat-titolu ta' minn jipproponiha ma tressqet ebda prova tat-titolu tal-attur u l-ewwel Qorti strahet biss fuq id-disposizzjonijiet tal-preskrizzjoni akkwizittiva applikabbli fir-rigward. Qed jigi sottomess ghalhekk li fis-sentenza l-ewwel Qorti applikat il-ligi b'mod zbaljata meta b'applikazzjoni tal-*usucapione* ddecidiet li l-attur huwa proprjetarju tal-porzjoni raba mertu tal-vertenza odjerna u dan stante li l-elementi rikjesti biex jista' jkollu l-effett mehtieg it-trapass taz-zmien kien "*mankanti*".

Illi kif rajna aktar 'il fuq fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti waslet biex akkoljiet l-ewwel talba attrici fuq il-premessa li l-attur kien akkwista t-titolu tieghu ta' proprjeta` tal-ghalqa in kwistjoni fuq il-bazi tal-preskrizzjoni akkizittiva u dan billi dik il-Qorti kienet tal-fehma li fl-attur u l-awtur tieghu u cioe` n-nannu matern, kien hemm prezenti dawk l-elementi kollha mehtiega biex din il-preskrizzjoni tissarraf fi dritt ta' proprjeta`. Ghalhekk dak li qed jigi propost mill-konvenut appellant huwa apprezzament mill-gdid tal-provi prodotti billi qed jigi suggerit li, kuntrarjament ghal dak li sabet l-ewwel Qorti, ma kienux jezistu l-elementi mehtiega biex tavvera ruhha l-uzukapione favur l-attur.
Illi, kif inhu risaput din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief jekk jirrizulta li fl-assenza ta' dan jista' jkun hemm ingustizzja manifesta.

Issa fil-kaz in ezami din il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed jigi ntentat mill-appellant ma ghandu ebda fondament. Infatti, kif irriteniet l-ewwel Qorti, jirrizulta kemm l-aspett materjali kif ukoll dak intenzjonali biex jiggustifikaw il-preskrizzjoni akkwizittiva favur l-attur tat-titolu fuq l-art mertu tal-kawza. Ma tirrizulta ebda prova li l-Kurja Arciveskovili, ghalkemm tirritjeni li hija kienet sid l-art mertu tal-kawza, ghamlet xi att gudizzjarju biex ixxejjen id-dekors tal-preskrizzjoni akkwizittiva li kienet qed tiddekorri favur l-attur. Lanqas ma jista' jinghad li l-iskrittura tat-22 ta' Gunju, 1990 tagevola t-tezi tal-istess Ufficcju Kongunt bhala aventi kawza tal-Kurja li lilu ttrasferiet l-proprjeta` u dan billi jidher bic-car li dik l-iskrittura ssemmi biss ir-rinunzja tal-attur u l-eventwali trasferiment lil Carmelo Bartolo tal-art imsemmija fit-tieni paragrafu tac-citazzjoni gia` mikrija lill-attur u li kienet tal-kejl ta' hamest itmiem u nofs u li, fil-kotba tal-Kurja, kienet iggib in-numru 9810-0790-0001. Jekk verament, kif qed jallega s-sur Muscat, gia` Ekonomu tal-Monsinjur Arcisqof u bhala tali amministratur tal-proprjeta` tal-Knisja, li l-ghelieqi adjacenti u cioe` dik msemmija fit-tieni paragrafu tac-citazzjoni u l-ohra msemmija fl-ewwel paragrafu, kienu jifformaw qbiela ossia kirja wahda, ghaliex dan il-fatt ma jissemmiex fl-imsemmija skrittura tat-22 ta' Gunju, 1990 billi okkorrendo jinghad li l-attur odjern kien qed jirrinunzja ghall-art kollha lilu mqabbla. Dan pero` ma sarx u dan huwa indikattiv li dak li qed isostni l-attur kellu mis-sewwa. Min-naha l-ohra dak li jghid l-attur dwar l-pussess tal-art u li la hu u lanqas nannuh qatt ma hallsu qbiela fuq l-art mertu tal-kawza ma hu kontestat minn hadd.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li ghandha, kif qed tigi mitluba taghmel mill-appellant, tiddisturba l-apprezzament tal-provi prodotti u ghalhekk, filwaqt li taghmel taghha l-konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti bazati fuq dak l-apprezzament, sejra tikkonferma s-sentenza appellata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-istess appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------